**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 08/25**
**Data:** Il-Ħamis,10 ta' Lulju 2025
**Ħin:** 6:00pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Mis-6:08pm sat-8:20pm)
Enya Abela - Kunsilliera
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier
Ivan Giardina - Kunsillier (Sas-8:15pm)
Luke Doublet - Kunsillier (Sat-8:36pm)
Angelo Caruana - Administration Officer II
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **08.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **08.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **08.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **08.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **08.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **08.06** | **Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Statements*;** |
| **08.07** | **Żejt iż-Żejtun;** |
| **08.08** | **Dekasteri;** |
| **08.09** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **08.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **08.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **08.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**08. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija. | |

**08. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Aquilina<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 07/25 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | Abela |

**08. 2. Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2 1 | 07.03.04 | Aquilina: Plakka mad-dar ta' Dun Victor Grech | Aquilina qal li ser jiltaqa' mal-marmista Abraham sabiex jiddiskutu kif l-aħjar issir il-lapida. Ser ikun qed jiċċekja l-ittri neqsin fuq il-monument tal-gwerra biex dawn isiru u jaraw kif jistgħu isebbħu ftit iktar dan il-monument. | Aquilina |
| 08. 2 2 | 07.03.20 | Aquilina: Tiżjin tal-Milied | Aquilina talab biex fl-immedjat jibdew jiddiskutu sabiex jinħareġ it-tender għat-tiżjin ta' toroq fil-Milied. Ser issir laqgħa l-ġimgħa d-dieħla sabiex jibda jitfassal pjan u jinħareġ it-tender. | Aquilina / Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2 | 3 | 07.03.23 | Aquilina: Petizzjoni Triq Luqa Briffa | Aquilina staqsa dwar fiex waslet it-talba tagħna. Is-Sindku qalet li diġa ktibna lill-Infrastructure Malta pero' għadna mingħajr tweġiba. Ser nibqgħu nisħqu li ssir bankina biex vetturi kbar ma jkunux jistgħu jidħlu. Issemma l-fatt li għandu jitħalla aċċess għall-ambulanza. | Sindku |
| 08. | 2 | 4 | 07.08.02 | Aquilina: L-Istorja Tirrakonta | Aquilina qal li din saret u kienet suċċess tant li rċieva kummenti sbieħ dwar din l-attivita'. Irrimarka pero' li tħalla waħdu sabiex isir iż-żarmar. Is-Sinkdu qalet li f'attivitajiet bħal dawn irid isir iktar koordinament biex ħadt ma jbagħti. Camillieri faħħret il-fatt li ġew inklużi t-tfal tal-iskola u rringrazzjat ukoll lill-Aġenzija tal-litteriżżmu li provdew il-kotba b'xejn. Aquilina irringrazzja lil Callus Garden Centre li pprovda l-pjanti ornamentali b'xejn. Caruana issuġerixxa li għandu jibda jiġi ffilmjat. | Aquilina |
| 08. | 2 | 5 | 07.08.03 | Camilleri: *Summer Revision Classes* | Camilleri qalet li l-applikazzjonijiet għalqu u applikaw 15 -il student u dawn ser jibdew fis-16 ta' Lulju. | Camilleri |
| 08. | 2 | 6 | 07.08.04 | Camilleri: *Halloween Event* | Camilleri qalet li diġa' beda x-xogħol sabiex terġa' tittella' din l-attivita' fil-31 ta' Ottubru. | Camilleri |
| 08. | 2 | 7 | 07.08.08 | Camilleri:Erasmus | Camilleri qalet li din l-esperjenza ta' ħames studenti ġiet fi tmiemha u marru tajjeb ħafna. | Camilleri |
| 08. | 2 | 8 | 07.04.05 | Caruana: Applikazzjoni PA 35/24 | Caruana qal li ressaqna l-kummenti tagħna dwar dan l-iżvilupp. | Caruana |
| 08. | 2 | 9 | 07.03.04 | Sindku: Masġar Dun Victor Grech | Is-Sindku issuġeriet li għandhom jibdew il-preparamenti sabiex ix-xogħol ta' rinovar fuq dan il-masġar jitlesta sa wara s-sajf u jiġi inawgurat għall-Settembru | Sindku |
| 08. | 2 | 10 | 07.03.09 | Sindku: Kuntrattur fil-ġonna | Is-Sindku qalet li l-kuntrattur temporanju issa twaqqaf. Infurmat lill-Kunsill li wara li saru l-intervisti, intagħżel il-ġardinar Olvin Attard. Giardina qal li sejjer tajjeb ħafna fix-xogħol li qed jitqabbad jagħmel. | Sindku |
| 08. | 2 | 11 | 07.03.12 | Sindku: Wirja fl-Iskola | Is-Sindku qalet li żaret din il-wirja flimkien ma' Camilleri u kienet interessanti ħafna. | Sindku / Camilleri |
| 08. | 2 | 12 | 07.03.14 | Sindku: Fond Mill-Pjazza għall-Pjazza | Is-Sindku qalet li din l-attivita' ser titella' fil-15 ta' Novembru. | Sindku |
| 08. | 2 | 13 | 07.03.24 | Sindku: Barra bid-Daqq | Is-Sindku qalet li dawn tellgħu attivita' ħelwa fil-ġnien u kienet tajba ħafna. | Sindku |
| 08. | 2 | 14 | 07.08.07 | Sindku: Birzeit | Is-Sindku qalet li minħabba li ingħalqu l-ajruporti, il-palestinjani ma setgħux jiġu u għalhekk din ser tkun qed tiċċaqlaq għall-Żejt iż-Żejtun. | Sindku |

**08 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/25. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 1 | Sindku: Ringrazzjament | Is-Sindku irringrazzjat speċjalment lill-Viċi-Sindku u l-kunsilliera kollha li x-xogħol baqa' għaddej peress li hi kienet imsiefra. | Sindku |
| 08 | 3 | 2 | Sindku: Dawl tat-toroq | Is-Sindku qalet li kellhom laqgħa man-Nexos Street Lighting dwar problemi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom. Jidher li kien hemm titjieb wara dan. | |
| 08 | 3 | 3 | Sindku: Mafkar Frans Mifsud | Is-Sindku qalet li saret l-inawgurazzjoni mill· familjari ta' Frans u kienet attivita' ħelwa. | Sindku |
| 08 | 3 | 4 | Sindku: Żejtun Corinthians | Is-Sindku qalet li saret laqgħa mad-diriġenti taż-Żejtun Corinthians fejn iddiskutew diversi temi. Għalissa l-ammont tal-kera ser tibqa' kif mifthiem. Il-quddiem isiru iktar diskussjonijiet dwar il-futur ta' dan il-grawnd. | Sindku |
| 08 | 3 | 5 | Sindku: Festa | Is-Sindku qalet li flimkien ma' Aquilina għamlu żjara fil-Kumpless tan-nar qabel il-festa. Ma kinx hemm problemi mill-bejjiegħa tal-gabbani u għalhekk id-depożiti jistgħu jingħataw lura. Tqajjem il-punt li l-kaxxi temporanji tad-dawl ġew installati b'mod perikoluż u għalhekk ġie maqbul li għall-sena oħra issir struttura temporanja sabiex dawn jitwaħħlu magħha. Intbagħtu diversi lmenti lill-OHSA kif ukoll l-Enemalta dwar dan pero' għalkemm ġew imwegħda li dawn ser jiġu rranġati baqa' ma sar xejn.<br><br>Camilleri qajjmet il-punt li l-barriers li għalqu parti mill-pjazza kienu żejda għax dawn ma ħallewx aċċess kif suppost. Is-Sindku qalet li din ser tiġi diskussa mal-pulizija għal sena oħra minħabba s-sigurta', għax din mhux issue tal-Kunsill.<br><br>Saret diskussjoni wkoll dwar l-arbli tad-dawl li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja, l-manutenzzjoni u l-periklu li fihom. Ser ikunu qed jinġiebu stimi dwar dan. | Sindku |
| 08 | 3 | 6 | Sindku: Project Green | Is-Sindku qalet li fis-16 ta' Ġunju kellha laqgħa ma' Project Green dwar il-proġett ta' Ġebel San Martin. Talbet li kif ikunu finalizzati l-pjanti jgħaddu l-kunsill biex kulħadd ikun jaf id-dettalji il-proġett. | Sindku |
| 08 | 3 | 7 | Sindku: Manucca Child Day Care Centre | Is-Sindku qalet li għad hemm vaganza għall· persuna full timer. | Sindku |
| 08 | 3 | 8 | Sindku | Is-Sindku ferħet lill-Viċi-Sindku li ġie elett bħala segretarju tal-Kumitat tal-Partit Laburista Żejtun. Awguratlu ħidma mill-aqwa. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 9 | | Sindku: Pjazza Santa Marija | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata minn Infrastructure Malta sabiex jgħinnu fil-proġett ta' din il-pjazza. Min naħa tagħha għaddiet il-pjanti tal-Kunsill flimkien ma' dawk li kienu ddisinjaw il-palestinjani sabiex jaħdmu fuqhom u parkeġġ ma jintilifx. Dawn ser ikunu qed iħallsu għall-proġett. | Sindku |
| 08 | 3 | 10 | | Sindku: Laqgħa Reġjun Nofsinhar | Is-Sindku qalet li saret laqgħa fejn fost affarijiet oħra ġie diskuss l-iskart. Kien hemm qbil li dan għandu jibda jinġabar filgħaxija. Ġibdet l-attenzjoni tal-Viċi-Sindku għaliex m'attendiex għal din il-laqgħa f'isimha. | Sindku |
| 08 | 3 | 11 | | Sindku: Misraħ Karmenu Grima | Is-Sindku qalet li x-xogħol minn Infrastructure Malta f'din iż-żona beda u ser ikun qed jiġu mibdula l-bankini u saff ġdid ta' tarmak fil-misraħ kif ukoll parti minn Triq Joe Attard u Triq l-Isqof Zahra. | Sindku |
| 08 | 3 | 12 | | Sindku: Gaġġeġ għal ħamiem | Is-Sindku qalet li tlestew il-gaġġeġ u dawn ser jitqiegħdu fuq l-Arti u Artiġjanat u Kunsill. | Giardina |
| 08 | 3 | 13 | | SPI/SCI/05/2025 - Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2026 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li ser inkunu qed inressqu l-applikazzjoni għall-fondi relatati mal-Karnival 2026. Din tressqet għall-approvazzjoni u kien hemm qbil unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 3 | 14 | 11 | Traffic Management: Triq Santu Wistin u l-madwar | Is-Sindku qalgħet li rċevejna l-approvazzjoni dwar dan pero' talbuna kemm għandu jkun l-speed limit f'dawn iż-żoni. Kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu ta' 30km fis-siegħa. | Sindku |
| 08 | 3 | 15 | 15 | Renewal tat-tariffi tal-GO | Dwar dan kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu mġedda. | |
| 08 | 3 | 16 | 18 | Porzjon t'art fi Triq Biżqallin | Għal din il-parti kien hemm preżenti is-Sur Schembri. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dwar din l-art ittieħdet deċiżjoni mill-qorti u bħala kunsill qabbadna nutara sabiex tikkonferma li din l-art hija filfatt tas-Sur Schembri. Kien hemm qbil li din għandha tingħata lura lilu, isir tqaxxir tat-tarmak kif ukoll tinġibed il-linja u jittella' ħajt jew issir bankina. Dwar dan ser jittieħed parir legali kif ukoll isir dokumentata quddiem nutar biex ma jkunx hemm problemi iktar fil-futur. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

**08. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 4 | 1 | | Abela: Periklu fi Triq San Girgor | Abela staqsiet dwar meta ser jitneħħa l-periklu li hemm bil-bażi tal-bozzoz dekorattivi li nqalgħu. Is-Sindku qalet li dawn qed naraw insibux nixtru bħalhom pero' qed tkun diffiċli. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **08. 5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. 5 1 | | Attard: Bollards | Attard qal li l-pulizija għamlu talba għall-bollards sabiex qed issir ħsara fuq il-muturi li jkunu pparkjati. Wara diskussjoni ma kinx hemm qbil għaliex dawn kienu diġa' ġew installati u kellna l-problemi bihom. | Attard |
| 08. 5 2 | | Doublet: Skart | Doublet qal li wara li ġie afdat bid-dekasteru tal-iskart beda minnufih jaħdem u permezz tal-kameras diġa' qed jinqabdu nies jarmu skart mhux skont l-iskeda u twaħħlu l-multi.<br>Qal ukoll li qed isib kooperazzjoni sħiħa mill· kuntrattur meta qed jitħallew boroż mhux miġbura u dawn qed jinġabru sa filgħaxija.<br>Tkellem ukoll dwar il-problema tal-knies u li qed isegwi fejn qed ikun hemm toroq maħmuġin. | Doublet |
| **08. 6.** | | **Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Statements;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. 6. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-Financial Statements għall-ewwel kwart tas-sena fejn spjega id-dħul u ħruġ u qal li l-pożizzjoni tal-kunsill hija waħda tajba b'surplus. Talab li nkunu kawti fl-infiq tal-kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| **08. 7.** | | ***Żejt iż-Żejtun;*** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li mill-ġimgħa d-dieħla ser jibda x-xogħol għal din l-attivita' li ser issir fil-25 t'Ottubru. Aquilina qal li għandu jinsab bniedem li jasgħar iż-żebbuġ u jekk dan ma jkunx malti għandna nfittxu xi ħadd minn Sqallija biex ma jintilifx s-sens li twaqqfet għaliha din l-attivita', t-tgħasir taż-żejt. | Sindku |
| **08. 8.** | | **Dekasteri;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li wara l-ewwel sena tal-kunsill inħasset il-ħtieġa li d-dekasteri isir xi tibdil fihom u ġew mogħtija rwoli ġodda. Qalet li dan ma sarx b'mod personali lejn ħadd, imma biex l-operat tal-kunsill jitmexxa aħjar kif jidher li diġa' beda jsir. irringrazzjat lil kulħadd tax-xogħol li qed isir. | Sindku / kunsilliera |
| **08. 9.** | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. 9. 1 | | Attard: *Equality Event* | Attard qal li għaddejjien dikussjonijiet mal-Onor. Rebecca Buttigieg sabiex tittella' attivita' fi Ġnien il-Qawsalla li jiċċelebra l-ugwaljanza. Hemm il-pjan li din issir għal Settembru. | Attard |
| 08. 9. 2 | | Abela: Mobile Dental Clinic | Abela qalet li qed taħdem sabiex jerġa jinġieb il-Mobile Dental Clinic. Data għad m'hemmx imma. Iktar dettalji 'l quddiem. | Abela |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 9. 3 | | Camilleri: End of School Party | Camilleri qalet li flimkien mas-Sindku qed jaħdmu sabiex isir party fi Ġnien l-Għannejja Żwieten sabiex jistiednu t-tfal tal-iskola u jsir festin għalihom sabiex jiċċelebraw it-tmiem ta' sena skolastika. Dan ser isir fil-31 ta' Lulju. | Camilleri / Sindku |
| 08. 9. 4 | | Sindku: Ġurnata Sqallija | Is-Sindku qalet li ser titġi organizzata ġurnata Sqallija fejn fost oħrajn ser inżuru Ragusa. Din ser issir fl-20 ta' Awwissu. | Sindku |
| 08. 9. 5 | | Sindku: Ġurnata Kemmuna | Is-Sindku qalet li ser titġi organizzata ġurnata Kemmuna fid-9 t'Awwissu. | Sindku |
| 08. 9. 6 | | Sindku: Teatrin | Is-Sindku qalet li bejn id-29 u l-31 t'Awwissu l-grupp 4 Jays ser itella' din id-drama fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Kulħadd mistieden biex jattendi. | Sindku |

**08. 10.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | Talbiet għal Xiri Seduta 07/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | *Petty Cash* - Ġunju 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €227.64. | Segretarju Eżekuttiv |

**08 11** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 11 1 | | Abela | Abela ressqet din il-mozzjoni, issekondata minn Caruana għall-approvazzjoni. Hi ingħatat il-ħin kollu sabiex tispjega fid-dettall il-ħsieb tagħha. Caruana ukoll ressaq dak li jaħseb dwarha flimkien mas-Sindku u l-kunsilliera preżenti. Wara diskussjoni, il-mozzjoni ma ġitx approvata bi tlett voti kontra, tnejn favur u astenzjoni. | Attard |

**08 12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:35pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 11 ta' Awwissu 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joan Agius | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |